MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Numru 499/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**v**

**JOHN XERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH XERRI** ta' sebgha w tletin sena bin l-mejjet John u Violet nee Azzopardi, imwieled l-Awstralja nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 1970 u residenti 59, Triq San Frangisk, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 23188M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-hdax ta’ Gunju 2008, ghal habta tas-sitta neqsin kwart ta’ filghodu fil-Hamrun, voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara voluntarja fuq l-vettura tal-marka Rover 214 ta’ kulur ahmar bin-numru ta’ registrazzjoni XAN 278

liema hsara teccedi l-mija u sittax l-Euro u sebgha w erbghin Euro centezmi izda mhux l-elf mija erbgha w sittin Euro centezmu u disgha w sittin Euro centezmi ghad-dannu ta’ Chantelle Attard mill-Hamrun.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-pprovvedimenti tal-artikolu 383(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Chantelle Attard.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Kunsens tal-Avukat Generali, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u l-fedina penali tal-imputat kif wkoll stqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, tnax ta’ Gunju 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-hsara f’dan il-kaz tammonta ghal sitt mija hamsa w sebghin Euro.

Rat li l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, seduta stante ghadda dan l-ammont ta’ flus u cioe sitt mija hamsa w sebghin Euro, lil Chantelle Attard li minn naha taghha iddikjarat li hi kienet qed tahfer lil imputat ghal hsarat minnha sofferti.

Semghet lid-difiza tghid li l-imputat ghandu problema mentali u jinhtieg li jiehu kura medika.

Rat l-fedina penali tal-imputat li ghandha biss reat wiehed registrat fuqha meta gie moghti condtional discharge fis-sena 1990.

Rat l-ammissjoni bikrija sa mill-ewwel opportunita moghtija lilu w il-ko-operazzjoni totali tieghu mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu l-imputat.

Ikkunsidrat li l-parte civile m'ghandhiex interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri u li gie risaldata in toto.

Ghal dawn ir-ragunijiet biss il-Qorti thoss li l-imputat ghandu jigi mqieghed taht ordni ta' probation.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOHN XERRI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation taht s-sorveljanza tal-Probation officer Trevor Calafato, ghal zmien sentejn [2] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-hati, matul dan il-perjodu ta' probation ta' sentejn, ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. li l-hati jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**3. li l-hati minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

4. **li l-hati jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess**

**Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat;**
**5. li l-hati jigi nvistat minn tabib priskatra jekk L-Ufficcjal tal-Probation ihoss li huwa ghandu bzonn tali asserzjoni.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' sentejn [2].**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil Probation Officer Trevor Calafato.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**JOHN XERRI**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 12 ta' Gunju 2008**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **JOSEPH XERRI** ta' sebgha w tletin sena bin l-mejjet John u Violet nee Azzopardi, imwieled l-Awstralja nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1970 u residenti 59, Triq San Frangisk, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 23188M **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil JOSEPH XERRI** ta' sebgha w tletin sena bin l-mejjet John u Violet nee Azzopardi, imwieled l-Awstralja nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1970 u residenti 59, Triq San Frangisk, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 23188M **titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta' sentejn l-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-hati ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment hu ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-hati ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-hati jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tieghu;

5. Illi l-hati jigi nvistat minn tabib priskatra jekk L-Ufficcjal tal-Probation ihoss li huwa ghandu bzonn tali asserzjoni.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

………………………..
**JOHN XERRI**
**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------